



STQARRIJA GĦALL-ISTAMPA Nru 151/23

Il-Lussemburgu, 28 ta' Settembru 2023

Konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali fil-Kawża C-470/21 | La Quadrature du Net *et* (Data personali u ġlieda kontra l-kontrafazzjoni)

Avukat Ġenerali Szpunar: iż-żamma u l-aċċess għad-data dwar l-identità ċivili flimkien mal-indirizz IP użat għandhom ikunu permessi meta din id-data tikkostitwixxi l-uniku mod ta' investigazzjoni li jippermetti l-identifikazzjoni ta' awturi ta' ksur esklużivament imwettaq fuq l-internet

Fil-fehma tiegħu, il-mekkaniżmu ta' risposta gradwata żgurat mill-awtorità amministrattiva responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur fi Franza hija kompatibbli mar-rekwiżiti tad-dritt tal-Unjoni fil-qasam tal-protezzjoni tad-data personali

Il-konklużjonijiet ippreżentati llum jaqgħu fil-kuntest ta' ftuħ mill-ġdid tal-proċedura f'din il-kawża. Fil-fatt, fuq talba tal-Awla Manja, il-Qorti tal-Ġustizzja ddeċidiet li [tirrinviya](#) l-kawża lis-Seduta Plenarja u li tagħmel mistoqsijiet għal tweġiba orali waqt is-seduti tal-15 u tas-16 ta' Mejju 2023. L-Avukat Ġenerali Ewlieni Maciej Szpunar ippreżenta għall-ewwel darba l-konklużjonijiet tiegħu fis-27 ta' Ottubru 2022 (ara l-Istqarrija għall-Istampa Nru [172/22](#)).

Il-Haute autorité pour la diffusion des œuvres et la protection des droits sur Internet ¹ (l-Awtorità Għolja għad-Distribuzzjoni tax-Xogħlijiet u għall-Protezzjoni tad-Drittijiet fuq l-Internet, iktar 'il quddiem il-“Hadopi”) għandha bħala missjoni, fi Franza, li tiżgura r-rispett tad-drittijiet tal-propjetà. Meta ksur tad-dritt tal-awtur minn utent tal-internet jiġi skopert, il-Hadopi tindirizza lil dan tal-añhar rakkomandazzjoni li biha tordnalu jastjeni minn kwalunkwe ksur ġdid, segwit minn twissija ġdida fil-każ ta' ksur mill-ġdid. Jekk l-ewwel żewġ twissijiet jiġu injorati u jekk iseħħ it-tielet ksur, il-Hadopi tista' tadixxi l-awtorità ġudizzjarja kompetenti sabiex jinbdew proċeduri kriminali.

Din is-sistema ta' risposta gradwata tissuponi li l-Hadopi tkun tista' tidentifika l-awtur tal-ksur sabiex tibgħatlu dawn ir-rakkomandazzjonijiet. Sabiex tagħmel dan, digriet adottat fl-2010 jippermetti lill-Hadopi tindirizza ruħha lill-operaturi tal-komunikazzjonijiet elettroniċi sabiex dawn jipprovdu d-data tal-identità ċivili tal-utenti li lilu l-indirizz IP użat sabiex jitwettaq ir-reat ikun ġie assenjat.

Erba' assoċjazzjonijiet tal-protezzjoni tad-drittijiet u tal-libertajiet fuq l-Internet ikkontestaw quddiem qorti l-adozzjoni ta' dan id-digriet. Il-Conseil d'État (il-Kunsill tal-Istat, Franza) staqsa lill-Qorti tal-Ġustizzja jekk il-ġbir tad-data tal-identità ċivili korrispondenti għall-indirizzi IP, kif ukoll l-ipproċessar awtomatizzat ta' din id-data, għall-finijiet tal-prevenzjoni tal-ksur tad-drittijiet tal-propjetà intellettuali, mingħajr sħarriġ minn qabel minn qorti jew min entità amministrattiva, humiex kompatibbli mad-dritt tal-Unjoni.

Fil-konklużjonijiet ippreżentati illum, l-Avukat Ġenerali Ewlieni Szpunar huwa tal-opinjoni li d-dritt tal-Unjoni **ma**

¹ Fl-1 ta' Jannar 2022, il-Conseil supérieur de l'audiovisuel (il-Kunsill Superjuri għall-Awdjoviżiv, imsejjaħ “CSA”) u l-Hadopi saru l-Autorité de régulation de la communication audiovisuelle et numérique (l-Awtorità Regulatorja għall-Komunikazzjoni Awdjoviżiva u Diġitali, imsejjaħ “Arcom”). Madankollu, il-fatti inkwistjoni jaqgħu taħt l-attività tal-Hadopi.

jipprekludix li l-fornituri ta' servizzi ta' komunikazzjonijiet elettroniċi ikunu meħtieġa jżommu l-indirizzi IP u d-data tal-identità ċivili korrispondenti, u li awtorità amministrattiva responsabbli għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-awtur kontra ksur ta' dawn id-drittijiet imwettaq fuq l-internet ikollha aċċess għall-imsemmija data.

L-Avukat Ġenerali jqis li l-indirizz IP, l-identità ċivili tal-proprjetarju tal-aċċess għall-internet u l-informazzjoni dwar ix-xogħol inkwistjoni **ma tippermettix li jinsiltu xi konklużjonijiet preċiżi dwar il-ħajja privata tal-persuna preżunta li tkun kisret id-dritt tal-awtur**. Dan jirrigwarda biss li tiġi rrilevata l-konsultazzjoni puntwali ta' kontenut li, meħuda waħedha, ma tippermettix li jiġi stabbilit il-profil iddettaljat tal-persuna li tkun wettqitha. (50)

Din il-miżura hija intiża li tippermetti lil din l-awtorità **tidentifika** l-proprjetarji ta' dawn l-indirizzi li jkunu ssuspettati responabbli għall-ksur u li tkun tista' tiegħu, jekk ikun il-każ, il-miżuri fir-rigward tagħhom. Barra minn hekk, ma **huwiex neċessarju** li dan l-aċċess ikun suġġett għal sħarriġ minn qabel minn qorti jew minn entità amministrattiva indipendenti. Fil-fatt, din id-data tikkostitwixxi l-**uniku mezz ta' investigazzjoni** li jippermetti l-identifikazzjoni ta' persuna li lilha jkun ġie assenjat dan l-indirizz fil-mument tat-twettiq tal-ksur. (90)

Huwa jenfasizza li dan mhux tibdil tal-ġurisprudenza eżistenti iżda żvilupp pragmatiku tagħha, li jippermetti li tingħata soluzzjoni kwalifikata fiċ-ċirkustanzi partikolari u limitati b'mod strett ħafna. (30 u 88) Fil-fehma tiegħu, din l-analiżi tirriżulta minn l-**ibbilanċjar bejn l-interessi differenti preżenti**, skont il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jiġġustifika l-**irfinar tal-ġurisprudenza** tal-Qorti tal-Ġustizzja dwar iż-żamma u l-aċċess għal data bħall-indirizzi IP marbuta mad-data dwar l-identità ċivili (78) sabiex tiġi evitata, ukoll, impunità sistemika ta' ksur imwettaq esklużivament online.

NOTA: Il-konklużjonijiet tal-avukat ġenerali ma jorbtux lill-Qorti tal-Ġustizzja. Ir-rwol tal-avukat ġenerali huwa li jipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja, b'mod kompletament indipendenti, soluzzjoni ġuridika għall-kawża li jkunu ġew assenjati lilu. L-imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja fil-preżent bdew jiddeliberaw fuq dan il-każ. Is-sentenza ser tingħata iktar 'il quddiem.

NOTA: Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari jippermetti, lill-qorti tal-Istati Membri fil-kuntest ta' kawża mressqa quddiemhom, li jitolbu lill-Qorti tal-Ġustizzja interpretazzjoni tad-dritt tal-Unjoni jew li tiddeċiedi dwar il-validità ta' att tal-Unjoni. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma taqtax il-kawża nazzjonali. Hija l-qorti nazzjonali li għandha ssib soluzzjoni għall-kawża skont id-deċiżjoni tal-Qorti tal-Ġustizzja. Din id-deċiżjoni torbot, bl-istess mod, lill-qorti nazzjonali l-oħra li quddiemhom titressaq problema simili.

Dokument mhux uffiċjali għall-użu tal-mezzi tal-komunikazzjoni li ma jorbotx lill-Qorti tal-Ġustizzja.

It-[test sħiħ](#) tal-konklużjonijiet jinsab fis-sit CURIA mill-jum li fih jingħataw il-konklużjonijiet

Kuntatt għall-istampa: Jacques René Zammit ☎ (+352) 4303 3355

Ritratti tal-qari tal-konklużjonijiet huma disponibbli fuq "[Europe by Satellite](#)" ☎ (+32) 2 2964106

Ibqgħu konnessi!

